MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali il-Fontana**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 34**

**Il-Ħamis, 30 ta' Settembru, 2021**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali *online* permezz ta' *video call* fuq *Microsoft Teams* nhar il-Ħamis, 30 ta' Settembru, 2021 fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku (daħlet fit-3.30p.m.)
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier (daħal fl-3:45p.m.)
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Is-Sinjura Miriam Attard – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**34.1 Talba**

34.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-3:00p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**34.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

34.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

## 34.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

34.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 33 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

34.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Il-minuti ġew approvati u ffirmati.

34.3.3 Is-Sindku u l-kunsilliera awguraw lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv fil-bidu tal-ħidma tagħha f'dan ir-rwol fi ħdan il-Kunsill.

## 34.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

34.4.1 Is-Sindku Saviour Borg beda billi qal li attenda għall-funeral ta' Dun Ġorġ Vella li kien Viċi Parroku tal-Parroċċa tal-Fontana, li sar fis-17 ta' Awwissu, billi bi żvista ma kienx qal fil-laqgħa preċedenti. Dakinhar ġie ordnat ukoll bukkett fjuri f'isem il-Kunsill.

34.4.2 Is-Sindku qal li fl-1 ta' Settembru, 2021, attenda għal konferenza stampa miżmuma mill-Ministru għall-Ġustizzja u Gvern Lokali, l-Onor. Josè Herrera, fl-Università l-Qadima fil-Belt Valletta, rigward it-tnedija tal-iskema tal-Aċċessibilità u Mobilità. B'dawn il-fondi l-Kunsill ser ikun jista' jixtri van li taħdem bl-elettriku biex jingħata servizz lill-anzjani u r-residenti tal-lokalità. Il-Kunsill ser jirċievi l-ammont ta' €25,840 u se jkun jista' japplika għal madwar €10,000 minn skema minn Transport Malta. Il-bqija ser jinħarġu mill-fondi tal-Kunsill. Din trid tinxtara sa Mejju 2022.

34.4.3 Is-Sindku qal li saret l-attività organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ li nżammet fis-sala tal-komunità.

34.4.4 Is-Sindku qal li l-kont tal-Perit biex il-Kunsill seta' jissottometti l-ittra rigward l-applikazzjoni ta' żvilupp fi Triq Wied Siekel ġiet tiswa €694. Hu qal li se jkun qed iressaq talba waqt il-laqgħa li jmiss tar-Reġjun biex dan il-kont jitħallas mir-Reġjun Għawdex peress li hemm fond speċifiku għalhekk.

34.4.5 Is-Sindku Saviour Borg qal li r-Reġjun Għawdex ħallas €2,800 fuq il-ġabra li ssir ta' kull nhar ta' Tlieta biex jinġabar l-iskart separat u dak tal-ħġieġ tal-ewwel Ġimgħa tax-xahar.

34.4.6 Is-Sindku Saviour Borg qal li Dr M. Saliba li hu mwieled il-Fontana jixtieq li l-Kunsill jixtri mingħandu l-aħħar ktieb li hu ppubblika dwar l-Arċipriet Martin Camilleri. Il-membri qablu.

34.4.7 Is-Sindku qal li bdew jitwaħħlu aktar fanali kif maqbul fil-Kunsill fil-laqgħa preċedenti; twaħħlu tnejn fi Trejqet l-Idjar u tnejn fi Trejqet Dun Ġużepp Grima. Huwa ppropona wkoll biex jibdew jitwaħħlu dawk fi Triq ta' Mulejja. Il-fanali l-ġodda għandhom jeħlu flok il-bozoz eżistenti u s-sindku ppropona li minflok il-fanal ta' wara s-Sagristija jeħlu tnejn, wieħed fuq it-tieqa tan-naħa ta' Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali u l-ieħor fuq it-tieqa tan-naħa tal-*playingfield*. Kien hemm qbil.

34.4.8 Is-Sindku qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali approva li tinħareġ is-sejħa għall-*handyman/cleaner full time* u li toħroġ is-sejħa interna sabiex jitqabbad skrivan *part time* li jkun jaħdem is-Sibtijiet.

34.4.9 Is-Sindku rrimarka li hemm grada tal-ħadid fi Trejqet Bieb il-Għajn li għandha bżonn tinbidel għax hi fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel.

34.4.10 Dwar l-applikazzjoni dwar l-iskema tal-LESA li ħarġet dan l-aħħar, is-Sindku ppropona biex il-Kunsill japplika sabiex isir titjib fil-playingfield, billi ssir bandla addattata għall-persuni b'diżabilità, tapiti ta' taħt l-*equipment* u porfido minflok il-*bricks* eżistenti kif ukoll isir xogħol biex jinstab minfejn qed jidħol l-ilma mis-saqaf tas-sala ħdejn il-bieb ta' barra. Din tagħlaq fit-22 ta' Ottubru. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**34.5 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-proġett ta' tisbieħ bil-porfido**

34.5.1 Is-Sindku Saviour Borg għarraf lill-membri li bdiet titpoġġa l-kurduna tal-qawwi u l-kubetti f'parti minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali. Hu qal li x-xogħol miexi b'ritmu tajjeb u jidher li ġej sew.

**34.6 Tkomplija tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku (Devoluzzjoni u żgumbrar tal-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja)**

34.6.1 Is-Sindku Saviour Borg qal li l-Kunsill għadu ma rċeviex risposta rigward l-ittra li ntbagħtet lis-CEO tal-Awtorità tal-Artijiet, is-Sur R. Vella, sabiex issir laqgħa miegħu minkejja li ntbagħtu diversi *reminders*. Dwar id-devoluzzjoni, is-Sindku qal li l-ex-segretarju eżekuttiv Neville Galea infurmah li s-Sin. Catherine Fenech mill-Awtorità tal-Artijiet qed tistenna d-dokumenti biex tmexxi fuq id-devoluzzjoni u ttellgħu quddiem il-Bord li għandu jiltaqa' fil-ġranet li ġejjin.

**34.7 Aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-*main* u servizzi tad-drenaġġ f'parti minn Triq il-Għajn u l-offerta tat-tarmac fi Triq il-Għajn**

34.7.1 Is-Sindku Saviour Borg għarraf lill-membri li l-Avukat Chris Said kiteb l-ittra liż-żewġ kuntratturi fejn infurmahom li l-offerti rigward dan il-proġett kienu ser jitwaqqgħu kif kien sar qbil mill-kunsill fil-laqgħa preċedenti. S'issa l-kuntratturi għadhom ma bagħtux risposta wara l-ittra tal-Avukat C. Said. Il-kunsillier Micallef staqsa jekk fl-ittra tal-Avukat Said kienx hemm data tal-għeluq fejn il-kuntrattur għandu jirrispondi.

**34.8 Rapport Finanzjarju ta' Tlett Xhur: April – Ġunju 2021**

34.8.1 Ġie ppreżentat ir-Rapport Finanzjarju ta' Tlett Xhur: April – Ġunju 2021. Dan ġie approvat sabiex jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**34.9 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

34.9.1 Ċirkulari AKL 2021/37 – *Group Live Policy* – Membri Eletti. Din il-polza bdiet fis-seħħ mid-9 ta' Settembru 2021.

34.9.2 Ċirkulari AKL 2021/82 - Tnedija tal-*EV Document*.

34.9.3 Ċirkulari AKL 2021/83 - *President's Solidarity Fun Run* 2021 – 14 ta' Novembru 2021.

34.9.4 Ċirkulari AKL 2021/85 - *AKL Webinar – Social Field: Community Development* 22/09/2021.

34.9.5 Ċirkulari AKL 2021/86 - *LCA Website – Publications.*

34.9.6 Ċirkulari AKL 2021/87 – *Invitation to: "Safe and Healthy with Sustainable Mobility in Malta", Online Seminar* – 16 ta' Settembru 2021.

34.9.7 Ċirkulari AKL 2021/88 – *World Clean-Up Day* 2021.

34.9.8 Ċirkulari AKL 2021/89 – *Certificate Awards and Launch of Level 5 ~Diploma in Public Management & Governance.*

34.9.9 Ċirkulari AKL 2021/90 – *ADHD Awareness month.*

34.9.10 Ċirkulari AKL 2021/91 – Ħaddiema RSSL u CWSEF,

34.9.11 Ċirkulari AKL 2021/92 – ĠEMMA sessjoni informattiva għall-Kunsilli Reġjonali/Lokali.

34.9.12 Ċirkulari AKL 2021/96 – AKL *Webinar – Social Field: Youth and Criminality* 20/10/2021.

34.9.13 Ċirkulari AKL 2021/97 – Sessjoni Informattiva – *Working towards safer communities – Community Policing & CRPD.*

34.9.14 Korrispondenza mingħand *Transport Malta* (TM) rigward il-ħruġ ta' permessi fil-ġranet tal-iskola.

34.9.15 Ċirkulari mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali – SPI/SCI/6/2021 – Espressjoni ta' Interess Finanzjament Milied 2021. Is-Sindku qal li għall-Milied jiżżejnu t-toroq tas-soltu.

34.9.16 Korrispondenza mingħand Servizzi Ewropej F'Malta (SEM) rigward diskussjoni onlajn : Nipproteġu u Nippromwovu l-Valuri Ewropej.

34.9.17 Korrispondenza mingħand l-*EU & International Affairs Unit* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward *URBACT's news : European Week of Regions and Cities and more.*

34.9.18 Ċirkulari mill-OPM 13/2021 rigward applikazzjonijiet għall-*remote working u training.*

34.9.19 Korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali rigward attivitajiet tal-Assoċjazzjoni.

34.9.20 Stedina mill-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni rigward il-Kungress UDITE – METZ 15-16 ta' Ottubru 2021.

34.9.21 Korrispondenza mill-OPM rigward il-Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2021.

34.9.22 Korrispondenza rigward il-laqgħa ta' kull xahar mas-Supretendent tal-Pulizija tad-Distrett.

34.9.23 Korrispondenza mingħand Robert Tabone, kandidat għall-elezzjoni President Kunsill Reġjonali għal Għawdex fejn talab sabiex jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill. Il-membri qablu li jiltaqgħu miegħu t-Tnejn, 5 ta' Ottubru 2021 fis-6:00 ta' filgħaxija.

34.9.24 Korrispondenza mingħand il-*Cultural Heritage Directorate* rigward il-*Christmas in Gozo 2021 bulletin.*

34.9.25 Korrispondenza mingħand il-*Cultural Heritage Directorate* rigward *Cleanup Day* 2021.

34.9.26 Korrispondenza mingħand il-*Policy Development and Programme Implementation Directorate* rigward sessjoni *online* ta' informazzjoni dwar il-*LIFE programme* 2021-2027. Din saret fit-8 u d-9 ta' Settembru 2021.

34.9.27 Korrispondenza mingħand *Happy Parenting Malta* rigward attività f'Dar Christine *Shelter and Therapy Centre.*

34.9.28 Korrispondenza mingħand il-Kappillan Simon M. Cachia fejn bagħat il-bullettin tal-Parroċċa tal-Fontana datat 26.09.21.

34.9.29 Korrispondenza mingħand *Sustainable Development Network* (SDN) dwar *Webinar : The Evolving Workplace : Beyond the COVID-19 Pandemic.*

34.9.30 Tressaq ilment numru 13/2021 li jgħid li mal-propjetà li xtrat, 199, Triq tal-Għajn faċċata tal-mina, hemm *traffic mirror* u sinjal *do not turn* mal-faċċata tal-post. Din il-persuna talbet li dawn jitpoġġew fuq arblu mal-bankina u ma jibqgħux mal-faċċata. Dan kif kienu qabel u kif jidher fuq ir-ritratt meħud minn *google earth.* Fil-preżent l-arblu diġà mhux mal-ħajt tal-propjetà. Jekk dan jinħareġ mat-tarf tal-bankina din tista' tinkiser mill-vetturi u anke' toħloq periklu. Il-membri qablu li tibqa' kif inhi.

**34.10 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

34.10.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li nħarġet is-sejħa għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv, liema sejħa kienet tagħlaq fit-23 ta' Settembru 2021. Huwa qal li skont ir-regolamenti tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali l-ġodda, il-Bord tal-Għażla għandu jkun magħmul minn mhux iżjed minn tliet membri li wieħed minnhom għandu jkun ir-rappreżentant tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL). Hu ppropona li dan il-bord ikun kompost minnu bħala rappreżentant tal-Kunsill, mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali għal Għawdex George Refalo bħala Chairperson u minn Dr Samuel Azzopardi President tar-Reġjun ta' Għawdex bħala rappreżentant tal-AKL. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tkun is-Segretarja tal-Bord. Il-membri qablu. Il-bord għandu jiltaqa' sabiex jinfetħu l-applikazzjonijiet u jinbeda l-proċess.

**34.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

34.11.1 Il-Viċi Sindku Josephine Camilleri ġibdet l-attenzjoni fuq iċ-*charging pillar* li qed tiġi installata fi Triq il-Qalb ta' Ġesù. Hi qalet li din saret taħt tieqa ta' kamra tas-sodda ta' anzjana.

Is-Sindku Saviour Borg qal li l-Kunsill kien indika sitt postijiet fil-lokalità u s'issa ntlaqgħu tnejn. Dawn saru peress li l-infrastruttura tad-dawl hi addattata biex tiġi installata *charging pillar.* Filfatt maġenb il-Kunsill ma saritx waħda minħabba li m'hawnx l-infrastruttura addattata. Dan dejjem skont korrispondenza mibgħuta lill-Kunsill mill-Ministeru għall-

G. Borg

Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli. Is-Sindku tenna li din hi politika tal-Gvern li qed issir ma' Malta u Għawdex kollha biex il-pajjiż imur għall-vetturi elettriċi. Il-Kunsill indika t-toroq fejn jaħseb li huma ideali għal dan il-proġett u mbagħad *il-Ministeru tal-Enerġija* kellu d-deċiżjoni finali fejn isiru ic-*charging points*. Qal ukoll li daħal ilment li sakemm kien qed isir ix-xogħol fi Triq il-Qalb ta' Ġesu', seta jidħol l-ilma fid-dar ta' biswit. Dan intbagħat lill-awtoritajiet konċernati. Is-Sindku qal li x-xogħol fuq din iċ-*charging pillar* daqt jitlesta.

Il-Viċi Sindku Josephine Camilleri qalet li l-Kunsill għandu jġib rispett speċjalment jekk ikun hemm anzjani li jistgħu jbatu konsegwenza ta' dan. Camilleri ssuġġeriet li l-Kunsill għandu joħroġ bil-miktub li dawn mhux qed isiru mill-Kunsill. Żiedet li dawn ħadd ma jridhom wara daru.

Is-Sur Jonathan Cefai qal li hu wkoll qed ikollu diversi lmenti fuq dawn il-postijiet. Meta ttieħdet id-deċiżjoni fuq l-għażla tat-toroq biex fihom isiru ċ-*charging points* hu ma kienx preżenti għal-laqgħa.

Is-Sindku Saviour Borg qal li l-membri ma jistgħux jgħidu li din mhix deċiżjoni tal-Kunsill. Kienet deċiżjoni tal-Kunsill li jiġu suġġeriti l-postijiet u dan kollu hu mniżżel fil-minuti. Tenna li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li joġġezzjona għall-post li ntgħażel fi Triq il-Qalb ta' Ġesù trid issir l-istess oġġezzjoni fuq l-ilment li daħal minn Pjazza l-Għejjun u dan ma sarx fil-laqgħa preċedenti fejn kien diskuss dan l-ilment. Huwa qal li allura, jekk isir xi ilment mill-Kunsill issa, jinħoloq preċedent.

Is-Sur Horace Micallef ġibed l-attenzjoni li mar-residenti, membru mill-Kunsill qed iwaħħal fis-Sindku u fih li l-postijiet ġew indikati minnhom u li huma t-tnejn iridu li dawn isiru kif qed isiru. Dan mhux minnu. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet fil-Kunsill allura l-ħames kunsilliera huma parteċipi fid-deċiżjoni. Tenna li kif qal is-Sindku, dan kollu hu mniżżel fil-minuti u kull membru tal-Kunsill suppost hu konxju ta' x'kien ġie deċiż. Micallef żied li hu mhux ser jaċċetta li membru tal-kunsill iwaħħal f'membru ieħor fejn id-deċiżjoni tkun ittieħdet waqt laqgħa tal-Kunsill, anke' jekk id-deċiżjoni ma tkunx ittieħdet b'mod unanimu. Min ma jkunx qabel għandu jbaxxi rasu għad-deċiżjoni li tkun ittieħdet. Micallef qal li dawn l-aħħar ġranet hu u s-Sindku rċevew telefonati ta' theddid minħabba dawn iċ-*charging points*.

Is-Sindku għalaq din il-materja u qal li din hi *policy* tal-Gvern u għalhekk il-proġett ser isir fl-interess tal-Fontana u tal-pajjiż kollu. Għalhekk għandna nfehmu lir-residenti bil-benefiċċji ta' dan ix-xogħol. Kien hemm qbil dwar dan.

34.11.2 Il-Viċi Sindku staqsiet fuq ir-rotta tal-gwardjani lokali. Is-Sindku qal li r-rotta tagħhom ma tiġix deċiża mill-Kunsill iżda mill-LESA. Dwar il-gwardjani lokali s-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikteb lil-LESA peress li qed jingħataw ċitazzjonijiet meta vettura ta' residenti mill-Fontana jkollhom l-permess ta' Żona B li jkun skadut. L-ewwel darba il-LESA għandha twettaq il-kampanja ta' edukazzjoni maċ-ċittadini li kienet twaqqfet għaliha u mhux ċitazzjoni. Ir-resident jiġi infurmat li l-permess hu skadut u għandu jirregola ruħu mal-uffiċċju tal-Kunsill. Min hu resident m'għandux għalfejn jingħata din it-tip ta' ċitazzjoni. Il-membri qablu.

34.11.3 Is-Sur Jonathan Cefai ta l-informazzjoni fir-rigward il-Wirja Viżiva '*On the Road'* li ser issir f'Ġunju. Il-lista tal-wirt tanġibbli u intanġibbli hi hekk:- il-knisja parrokkjali, in-niċċa tas-Salvatur, in-nar tal-ajru u tal-art, xogħol antik li kienu jaħdmu nies mill-Fontana u li jkun armat fil-knisja parrokkjali fil-festa, il-vara titulari tal-Qalb ta' Ġesù, il-vara ta' Sant'Indrija, patrun tal-Fontana, iż-żewġ opri ta' Ġużeppe Calì li huma t-titular tal-knisja u l-

abbozz tiegħu, il-kwadru ta' Giuseppe Galimberti li jirrappreżenta l-mewt ta' San Ġużepp u n-niċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni li hemm fuq it-Tomba.

34.11.4 Is-Sur Horace Micallef qal li l-bank ta' fejn Manresa għandu bżonn jitranġa. Is-Sindku qal li jaf bih u ġa kellem lil Karmenu Curmi biex jirranġah.

**34.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

34.12.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 27/2021 għall-perijodu bejn l-01/09/2021 u t-30/09/2021 li tammonta għal €4,486.65 ġiet approvata u ffirmata.

**34.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

34.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5:45 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum 27 ta' Ottubru, 2021.

Saviour Borg
Sindku

Miriam Attard
Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA